MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Numru. 758/2012

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Charles (Carmel) Peresso, iben John, imwieled Pieta' fit-3 ta' Settembru, 1976, karta ta' l-identita numru 446776(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fix-xhur ta' Frar, 2012 u Marzu, 2012, f'ħinijiet differenti mingħajr awtorizzazzjoni:
1. uża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex daħal f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew uża, ikkopja jew immodifika data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;
2. ipprevjena jew ostakola d-dħul għal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ ta' Ramona Pirotta mill-Fgura;

3. talli ħa pussess ta’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ jew għamel minnhom;
4. talli uża kodiċi ta’ dħul, password, isem ta’ l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta’ dħul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ Ramona Pirotta mill-Fgura.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Diċembru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Diċembru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat u Ramona Pirotta qed igħixu flimkien.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 337Ċ(1)(a)(d)(f)(i)(2)(a), 337(D)(b) u 337F tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fatt li l-partijiet qed igħixu flimkien u il-fedina penali netta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------